MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 118/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Parnis**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Parnis talli nhar-il 14 ta' Ottubru 2011 u fix- xhur ta' qabel meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Maria Parnis u/jew lil uliedu s- somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Frar 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi Raymond Parnis hati u kkundannatu xahrejn detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Raymond Parnis ipprezentat fis-7 ta’ Marzu 2012 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija, alternattivament f’kaz ta’ konferma ta’ sejbien ta’ htija, tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi u dan billi tvarja l-piena nflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta ghal dan il-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant; semghet ix-xiehda ta’ Maria sive Miriam Parnis, mart l-appellant, li kkonfermat illi l-hlas dovut ghall-manteniment thallas u li uliedha huma issa maggorenni u ghalhekk mhux dovut aktar manteniment; rat illi Dott. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-appellant irtira l-ewwel aggravju izda zamm ferm l-aggravju dwar il-piena; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

**6.** Peress illi l-ammont dovut mill-appellant jinsab pjenament sodisfatt u mhux dovut aktar manteniment peress illi l-ulied huma issa maggorenni, ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**6.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu ghall-htija

izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant xahrejn detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------